KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

23 ta' April 2015

Onor. Anġlu Farrugia
President
Kamra tar-Rappreżentanti
Palazz Presidenzjali
Pjazza San Ġorġ
Valletta

Onor President tal-Kamra,

F'dawn l-aħħar ġranet il-Baħar Mediterran sar ċimiterju bi traġedja wara l-oħra u mwiet ta' madwar 1,000 persuna. Hekk kif ħarġet l-aħbar tal-aħħar traġedja il-Ħadd li għadda, jiena pubblikament tlabt lill-Gvern sabiex jitlob li tissejjaħ laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Ewropew tal-Unjoni Ewropea. Nieħu gost nara li, fil-fatt din il-laqgħa se ssir proprju llum.

Jien nħoss li ħadd, wisq anqas min hu fil-politika, ma jista' jagħlaq għajnejh quddiem dawn it-traġedji, li issa saru wisq regolari. Anke t-telf ta' ħajja waħda huwa inaċċettabbli, aħseb u ara daqstant imwiet.

Għaldaqstant qiegħed niktiblek sabiex, f'isem l-Oppożizzjoni, nitolbok tlaqqa' seduta tal-Parlament b'urġenza u li tissejjaħ laqgħa immedjata tal-House Business Committee sabiex jintlaħaq qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra għal dan il-għan. Filwaqt li nifhem li bħalissa l-Parlament għadu magħluq għall-waqfa tal-Għid, l-Oppożizzjoni tħoss li huwa xieraq li l-Parlament jissejjaħ lura għal seduta b'urġenza sabiex matulha jsir dibattitu dwar l-aħħar traġedji li seħħew u s-sitwazzjoni preżenti dwar l-immigrazzjoni, filwaqt li l-Prim Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar l-eżitu tal-Kunsill Ewropew.

Grazzi u tislijiet,

Simon Busuttil
Kap tal-Oppożizzjoni

Kopja : Joseph Muscat – Prim Ministru
Godfrey Farrugia – Whip tal-Gvern
David Agius – Whip tal-Oppożizzjoni